FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

18 t'Awwissu 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hames (05) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hames (05) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 7 ta' Awwissu 2015 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Genna ta Gonna... U Hafna Aktar!
10. Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (2015)
11. Memo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali – 18/2015
12. Traffiku u parkegg
13. Gonna u soft areas
14. Kuntratti Ezistenti u Offerti Godda
15. Vakanza ta Segretarju Ezekuttiv
16. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Hames (05) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Matthew Paris, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia attendiet wara materja nru 3.3.**
**Il-Vici Sindku Ivan Hallett informa telefonikament lis-Segretarju Ezekuttiv li ser jasal tard minhabba ragunijiet ta xoghol.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tar-raba (04) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward il-kwistjoni tal-Floriana Senior Citizens. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li din il-materja kien qed jiehu hsiebha l-Vici Sindku u ghalhekk l-ahjar li l-Kunsill isaqsi lilu.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-Inspire fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw *water balloon fight* biex jingabru l-fondi ghall-Puttinu kif ukoll issuggerew li l-Kunsill jaghti donazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li tittella' l-attivita' bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha mill-entitajiet ikkoncernati. Huwa qabel li ghandu jinforma lill-Inspire li legalment, ma kienx f'pozizzjoni li jaghti donazzjonijiet.

3.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Grupp Hidma San Publju fejn offrew li tigi organizzata ikla miftuha ghall-Furjanizi kollha b'mod kongunt mal-Kunsill. Il-Kunsill innota li l-fondi allokati ghall-atticvitajiet mal-Ghaqdiet, mal-grupp li ghamel it-talba, gew esawriti. Madankollu qabel li ghandu jipproponi li l-ikla tigi organizzata l-ghada, sabiex tkun parti mill-attivita' ta' Genna ta' Gonna...u hafna aktar!

**Nota: 14:10 L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh attendiet ghal-laqgha.**

3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet intalbet risposta lill-Dimbros Ltd. Rigward il-kwistjoni rrapurtata mill-Wasteserv. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien ghadu ma rceviex risposta la minghand il-kuntrattur u lanqas minghand il-Wasteserv. Ghalhekk il-Kunsill qabel li jircievi risposta dwar l-ezitu tal-materja qabel ma jkompli jiddiskuti.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba minghand l-impjegata Emmanie Borg Bonaci sabiex tahdem b'hinijiet ta' *telework* wara l-leave tal-maternita`. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li kien qed iressaq ir-rakkomandazzjoni tieghu galadarba llum t-teknologija kienet tippermetti li wiehed jahdem mid-dar, kif ukoll l-impjegata hija wahda diligneti u responsabbli bizzejjed. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Monitoring Unit tad--Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kien informa li f'kaz ta default, kienet decizjoni tal-Kunsill li jilqa' jew ma jilqax l-ispjegazzjonijiet tal-kuntrattur. Minhabba din il-konferman, il-Kunsill kien zamm mad-decizjoni originali tieghu li jaghti default notice lill-kuntrattur imsemmi, kif maqbul waqt il-laqgha precedenti.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-bring-in sites. Hija qalet li ladarba ma kienx hemm qbil li dawn jitpoggew hdejn il-Kwartieri tal-Pulizija, allura kien hemm bzonn li jinstab post alternattiv. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrilokahom ghal hdejn il-MEPA ghal perjodu ta' prova sabiex jigi ddeterminat kif tintlaqa' r-rilokazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-laqgha li ghandu mas-Sur James Piscopo, ghandu jiehu hsieb jitlob lil Transport Malta sabiex issir kaxxa safra biex il-bring-in sites ikunu jistghu jitpoggew fiha.

3.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-kwistjoni pendenti ma' Agius Printing Press u qalet li wara numru ta testijiet, kien gie ddeterminat li l-ilma li kien qed jidhol fl-istamperija tieghu kien gej mil-bankina. Hija kompliet billi qalet li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiehu l-azzjonijiet necessarji sabiex jirrimedja din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda billi jsir il-membrane hekk kif gie ssuggeriet mill-Perit tal-Kunsill.

3.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghad-dwal li jitwahhal fil-Milied u pproponiet li t-tender jinhareg b'mod li l-kuntrattur mhux biss iwahhal imma anke jipprovdi hu stess id-dwal dekorattiv. Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li naghtu valur approssimattiv ghal din is-sejha. Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti u possibilment li juza d-dawl dekorattiv li ghandu prezentement f'toroq ohra madwar il-lokalita'. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ghandu jigi rriservat id-dritt li jekk il-prezzijiet joghlew b'mod sostanzjali, allura l-Kunsill ikun jista' jerga' lura ghal kif kien qabel. Il-Kunsill qabel.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li li l-kunsilliera kollha ghandhom jerfaw ir-responsabilta` taghhom ga la darba kollha kienu eletti biex iservu lil residenti, ghaldaqstatn ghandom jaghti l-almu taghhom fir-responsabiltajiet li gew assenjati lilhom. Ghalhekk issuggeriet li ta' kull xahar, kull kunsillier ghandu jipprezenta lista' ta' affarijiet li jkunu saru matul dak ix-xahar anke biex hi tkun tista' tevalwa u tara x'qed isir ghal lokalita'. Il-Kunsill qabel.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-progett li qed isir taht il-Forka u saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill inghatax appuntament mal-entita koncernata. Is-Sindku wiegbet fin-negattiv. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien jinsab iddizappuntat bil-fatt li l-Kunsill kien talab laqgha kemm-il darba u ma kien ircieva l-ebda risposta. Huwa qal li minkejja li l-Kunsill ma kienx gie nformat b'dan il-progett, kien il-Kunsill li qed jircievi l-ilmenti minghand ir-residenti. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jerga' jibghat reminder ghal-laqgha u din id-darba jaghti cans ta' gimgha. Huwa qal li ghandu jinforma lill-awtoritajiet li f'kaz li ma jirceviex risposta fi zmien gimgha, allura l-Kunsill ser jirriserva d-dritt li jmur fuq il-media lokali. Il-Kunsill qabel mal-proposta u li se jipprocedi b'dan il-mod.

4.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa dwar il-process tal-fanali ta' fuq il-Fosos u saqsa jekk kienx hemm xi progress.

> 4.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kellu laqgha nhar it-Tlieta li gej sabiex imur jara l-istat tal-arbli, u jigi ddeterminat fejn ser titwahhal id-demarcation box, minhabba li din tal-ahhar kapaci tkun ostaklu zghir.
>
> 4.2.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li wiehed ghandu joqghod attent fejn titwahhal sabiex ma jkunx hemm bzonn li terga' tinqala meta jigi organizzat xi kuncert bhall-Isle of MTV.

4.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppropona li wiehed jara jekk jistghux jinkisbu xi fondi mic-CHOGM ladarba dan kien ser isir fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha maghhom u jiddiskuti l-possibilta' li jinkisbu fondi ghal ristawr fi Triq Sant'Anna.

4.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-*cat cafés* li hemm magenb l-iSptar Sir Paul Boffa u saqsa jekk setax isir xi haga biex dawn jitrangaw. Il-Kunsill qabel li ghandhom jingiebu

kwotazzjonijiet ghall-cat cafés u li jipprovaw jinstabu cafés bhal dawk li hemm prezentement.

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa meta kien ser jigi rrangat id-dawl tal-Fossa. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan id-dawl jista' jsir meta titwahhal id-*demarcation box* tal-Fanali Ornamentali.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Perit tal-Kunsill kienx ghadda l-informazzjoni necessarja lill-Ministeru ta' Joe Mizzi. Is-Segretarju Ezekuttiv kkonferma li l-informazzjoni kienet ghaddiet u li kien gie nformat li l-materja kienet qed tigi evalwata min-naha tal-Ministeru u tranport Malta..

4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward il-vann tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kuntratt kien gie ffinalizzat ricentament u li kien ghad fadal li jigi approvat minn xi superjuri tac-Citadel Insurance. Wara dan, jigi moghddi lil-Avukat tal-Kunsill sabiex jigi iccekjat u ussegwentament jigi iffirmat.

4.8 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill jistax jahdem sabiex igib haddiem iehor biex ikun jista' jghin lill-haddiem manwali li ghandu l-Kunsill.

4.8.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li l-iskemi tal-ETC kienu ghalqu u li ma kienx ghad hemm haddiema tal-IPSL interessati jigi jahdmu fil-Floriana.

4.8.2 Hija pproponiet li l-Kunsill jikkunsidra haddiem part time.

4.8.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li b'haddiem part time, il-payroll tal-Kunsill kienet ser titghabba wisq.

4.8.4 Huwa qal li meta jkun hemm xogholijiet li jirrikjedu iktar minn persuna wahda, huwa kien qed jitlob kuntratturi terzjarji sabiex jghinu.

4.8.5 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll lil Hon Stefan Buontempo sabiex ninataw xi forma ta assistenza.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti u minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 03/07 li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12909 sa 12955 u 172-178 , bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, MP, DSH, JAE)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn li jinxtraw 2 *printers* ghall-ufficcju minhabba li t-tnejn ezistenti kienu spiccaw u mhux finanzjarjament vijabbli li jigu trangati, u ghal daqstant iridu jigu disponuti. Dawn huma Kyocera Ecosys FS5100DN, u Canon Pixma. Il-Kunsill approva dan, kif ukoll ix-xiri ta' zewg *printers* sabiex jissostitwixxuhom. Il-Kunsill talab ukoll ghax-xiri ta' *multifunction printer* iehor ghall-kamra tal-kunsillieri.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**5/1** – *Mozzjoni biex jitwaħħlu żewġ sinjali fil-periferiji tal-lokalita' ta' bejn il-Floriana u l-Belt Valleta, iġifieri minn bejn it-Terminus tax-xarabanks għall-pont tad-daħla tal-Belt. Dan is-sinjal ikun miż-żewġ naħat, int u ħiereġ mill-Belt ikun hemm sinjal tal-lokalita li tgħidlek 'Merħba' għal-lokalita' tagħna, filwaqt li int u ħiereġ mill-Floriana; 'Saħħa'.*

*Nipproponi wkoll li jsir sinjal ieħor tal-lokalita' fil-periferija tal-Marsa u l-Floriana.*

*Jitmexxa wkoll dak li hemm quddiem it-telgħa tal-kurċifiss u jmur quddiem il-lift li jgħati għall-barrakka ta' fuq. Din l-aħħar imsemmija tkun bl-istess mod tal-'Merħba' u 'Saħħa'. Għandu jitmexxa wkoll dak li hemm quddiem il-Bieb tal-Bombi u jersaq aktar lejn il-Ħamrun, kif għandu jkun kif suppost.*

Proponent – James Aaron Ellul ____________________

Datata – 29 ta' Lulju 2015

---

Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li t-test tat-tabella jkun ukoll bl-Ingliz. Il-Kunsill qabel u qabel li jemenda l-mozzjoni biex tirrifletti dan.

Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li t-tabella li hemm bejn il-Floriana u l-Hamrun titmexxa 'l quddiem. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tkellem lis-Sindku tal-Hamrun dwar dan.

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghat-tabella tal-Lokalita li hemm bejn il-Floriana u l-Belt Valletta u ssuggerixxa li issir ohra li bhal dik tal-konfini. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-HSBC sabiex it-tabella ssir bhal m'huma t-tabelli l-ohrajn. Il-Kunsill qabel li f'kaz li ma jkunx hemm approvazzjoni mill-HSBC allura l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jaghmel it-tabelli hu u jbiddilhom kollha.

Wara li tressqet proposta mill-Kunsillier James Aaron Ellul sabiex tigi approvata l-mozzjoni msemmija, din giet issekondata mill-Kunsillier Matthew Paris u approvata b'mod unanimu.

## 9.0 Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!

9.1 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li kienet saret talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dakinhar tal-attivita' ikun hemm il-Police Drill Team fi Pjazza San Kalcidonju.

9.2 Huwa kompla billi qal li kienet saret talba lic-Chairperson tal-Malta Arts Council ghall-ghajnuna taghhom biex taht il-logog jigi kkonvertit f'festival tal-arti.

9.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet giet avvicinata minn persuna li jaghmel kafe mill-Kenya biex tippartecipa. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

9.4 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li ssir laqgha mal-ghaqdiet nhar it-Tlieta 18 t'Awwissu 2015 fis-6pm. Il-Kunsill qabel.

9.5 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa wkoll li jinbidel il-mod kif tigi rreklamata l-attivita'. Huwa qal li kien kiseb kwotazzjoni biex jittiehed filmat tal-lokalita' mill-ajru permezz ta' *drone*, tali kwotazzjoni tammonta ghal €150. Il-fimat jista jintuza kemm ghall-Genna ta Gonna, Kif ukoll ghall reklamar iehor. Il-Kunsill approva in-nefqa.

9.6 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li jigi kkuntattjat Luca Cauchi sabiex tibda l-hidma fuq il-poster u d-design ta' din l-edizzjoni tal-attivita'. Il-Kunsill qabel.

9.7 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jrid jiddiskuti ma' Stephen Tonna sabiex jara x'ghandu f'mohhu ghall-attivita' li qed jippjana. Huwa qal li ghandu jinforma lill-Kunsill bl-ezitu.

9.8 Il-Kunsillier Matthew Paris informa wkoll li c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien ser jigi ddedikat ghat-tfal.

9.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jikkuntattja lil Justin Haber Football Academy sabiex jara jekk kienx interessat jorganizzaw xi attivitajiet fil-picc.

## 10.0 Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (2015)

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart.

10.2 Huwa kompla billi spjega fuq fuq dak li kien inbidel ikkumparat mal-ewwel kwart.

10.3 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju f'mod unanimu.

## 11.0 Memo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali – 18/2015

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bil-memo imsemmija u spjega x'kienet tinkludi. Huwa qal li l-Kunsill irid jibda joqghod attent iktar li ma jaderixxi mal-budget li jkun ghamel u li l-ammonti allokati ma jigux maqbuzin.

## 12.0 Traffiku u parkegg

12.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li tixtieq tistaqsi lill-Vici Sindku dwar il-yellow line mitlub mill-Floriana Senior Citizens izda ladarba ma kienx prezenti, saqsiet jekk hemmx xi

materji ohra x'jigu diskussi.

12.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal Triq Sarria u s-sitwazzjoni prezenti. Huwa saqsa jekk Transport Malta kienux responsabbli ghal din it-triq. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li qed jithalla hafna hmieg f'din it-triq rizultat ta' din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jqajjem din il-materja fil-laqgha li l-Kunsill ghandu mas-Sur James Piscopo.

12.3 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li matul il-laqgha tigi diskussa wkoll il-possibilta' li l-Park n' Ride tibda' tieqaf il-Floriana kif ukoll li jigi kkunsidrat li r-rotta li tmur mill-Belt Valletta ghall-ajruport ikollha waqfa fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

12.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-proposta li kien hemm sabiex Triq San Publju ssir one way.

12.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li f'laqgha precedenti kien gie deciz li jsir traffic survey.

12.4.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jkun ahjar li wiehed jitkellem mar-residenti qabel jipprocedi.

12.4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li din il-materja tigi diskussa fil-laqgha mas-Sur James Piscopo.

12.4.4 Il-Kunsill qabel mal-proposti t'hawn fuq u qabel ukoll li jitkellem mal-Perit tieghu sabiex ikun jista' jsir is-survey.

## 13.0 Gonna u soft areas

13.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat li l-kuntrattur responsabbli mit-tindif tal-gonna u l-latrini pubblici kien informa li xtaq li jittermina l-kuntratt.

13.2 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa jekk il-mod tat-terminazzjoni kinietx in line mat-tender. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kuntratt kien ghal sena b'rabta ghaz-zewg partijiet u susseghwentament hemm numru ta kwalzoli relevanti.

13.3 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-Kunsill jaccetta t-terminazzjoni izda jirriserva d-dritt li jzomm il-kuntrattur responsabbli ghal xi danni addizzjonali li l-Kunsill jista' jsofri.

13.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jzomm il-kuntrattur responsabbli ghad-differenza li ser isofri lill-Kunsill a kwantu tal-ispiza fis-sena.

13.5 Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Matthew Paris u jinforma lill-kuntrattur li ghandu jibqa' jopera sakemm jinstab kuntrattur alternattiv.

13.6 Il-Kunsill qabel li ghandu joffri il-Kuntratt lit-tieni l-irhas offerent, Chris Brincat. F'kaz li dan mghadux interessat, allura ghandu johrog sejha gdida ghall-offerti b'urgenza. Dan Ghaliex l-offerenti li jmiss kwotaw valuri gholjin hafna.

13.7 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa kif kien miexi x-xoghol fuq il-latrini tal-Bombi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li x-xoghol kien miexi sew u kien ghad fadal li jitwahhal l-aluminium u l-mirja.

## 14.0 Kuntratti Ezistenti u Offerti Godda

14.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li jrid jiehu decizjoni jekk ghandux igedded il-kuntratt ta' gbir ta' skart goff ghas-sena li gejja. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jgedded dan il-kuntratt ma' Dimbros Ltd. bil-kundizzjoni li tingibidlu l-attenzjoni fuq xi nuqqasijiet li ghandu kif ukoll li tigi ssetiljata l-materja ta' gbir ta' skart goff minn Triq Antonio Agius.

14.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kien hemm bzonn li tinhareg sejha ghall-offerti ghall-Asfaltar u trangar ta Toroq u Bankini. Il-Kunsill approva l-abbozz prezentat mis-Segretarju Ezekuttiv.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kontenitur tal-hgieg li gie distribwit minn Green MT lill-hwienet. Huwa saqsa kif kienu jitbattlu dawn il-kontenituri. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm ftehim li tal-hwienet icemplu lill-GreenMT meta l-kontenituri jimtlew sabiex dawn jitbattlu.

14.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-GreenMT sabiex dawn jibdew jitbattlu kull nhar ta' Gimgha u mhux meta jinformawhom tal-hwienet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jitkellem mal-GreenMT.

## 15.0 Vakanza ta Segretarju Ezekuttiv

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi iddiskutiet il-Hatra tas-Segretarju Ezekuttiv gewwa Kunsill iehor, u hadet l-opportunita' sabiex tirringrazzjah tax-xoghol li kien wettaq f'dawn l-ahahr erbgha snin. Il-kunsillieri inghaqdu mas-Sindku sabiex jirringrazzjaw lis-Segretarju Ezekuttiv tas-servizz tieghu.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lill-kunsillieri tal-kliem taghhom filwaqt li rringrazzjahom ukoll tax-xoghol li wettqu u l-koperazzjoni li dejjem urew..

15.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienu talbu lill-Kunsill sabiex jahtar Agent Segretarju Ezekuttiv fl-assenza tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel nem con li s-Sur Svetlick Flores ghandu jibqa' jservi bhala Agent Segretarju Ezekuttiv sakemm jigi maghzul Segretarju Ezekuttiv gdid. Is-Sur Svetlick Flores accetta l-proposta tal-Kunsill sabiex iservi ta' Agent Segretarju Ezekuttiv u irringrazzjom tal-fiducja.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 28 t'Awwissu 2015 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fl-4.00pm.

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv